2 ta' Ġunju, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Liberata Spiteri *versus* Carmelo Spiteri et.

**Sekwestru Ġudizzjarju — Meta Jista' Jiġi Ordnat — Art. 854 et Seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

*Is-sekwestru ġudizzjarju jsir fuq l-oġġetti jew immobili li dwarhom ikun hemm il-kawża.*

*Għaldaqstant, meta tqum kontestazzjoni dwar it-talba għan-nomina ta' sekwestratarju ġudizzjarju, hemm bżonn li fil-kawża jkun hemm bħala leġittimu kontradittur il-persuna li tkun tippossjedi dawk l-oġġetti jew dawk l-immobili, u li tkun tippretendi li hija s-sid tagħhom; inkella s-sekwestru ġudizzjarju ma jistax jiġi ordnat fuq il-beni posseduti minn dik il-persuna li tkun tippretendi li huma tagħha.*

*Lanqas ma huwa biżżejjed li dik il-persuna tkun parti fil-ġudizzju f'xi kwalità oħra, u mhux f'isimha proprju. Jekk dik il-persuna ma tkunx parti fil-kawża f'isimha proprju, jibqa' jseħħ l-ostakolu għan-nomina tas-sekwestratarju ġudizzjarju.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors preżentat mill-imsemmija Liberata Spiteri quddiem l-Ewwel Qorti fis-6 ta' Novembru 1951, fejn, wara li esponiet li hija talbet li tiġi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti ġa eżistenti bejnha u Giuseppe Spiteri, żewġha; u li fost is-sustanzi komuni hemm diversi char-a-bancs li jinsabu f'idejn il-konvenut Carmelo Spiteri, li jippretendi li huma proprjetà tiegħu u qiegħed jattivahom b'vantaġġ tiegħu waħdu u mingħajr ebda kontroll ta' din il-ġestjoni tiegħu, b'mod li meta tispiċċa l-kawża jkun diffiċili, jekk mhux impossibili, li wieħed iġiegħlu jirrendi kont eżatt ta' dak li kien għamel; u li, barra minn dawn ix-char-a-bancs, hemm ukoll bini u flus li qegħdin taħt idejn l-istess konvenut Carmelo Spiteri, li jippretendi li huma tiegħu; u li taħt iċ-ċirkustanzi jidher imperjus li jkun nominat sekwestratarju ġudizzjarju skond l-art. 854 (Proċedura Ċivili), u xejn ma jiswa illi l-karrozzi jinsabu f'isem il-konvenut Carmelo Spiteri, għaliex l-utilità tal-provvediment hija evdenti, u biżżejjed din l-utilità biex tiġġustifikah; talbet in-nomina ta' sekwestratarju tal-karrozzi kollha li jagħmel minnhom il-konvenut Carmelo Spiteri, kif ukoll tal-bini u flus;

Ikkunsidrat;

Rat id-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Marzu 1952, li bih, billi dehrilha li t-talba kontenuta fir-rikors hija ġustifikata, laqgħet l-istess talba, u għall-finijiet tagħha innominat bħala segwestratarju ġudizzjarju lill-Avukat Dottor Tommaso Fenech; spejjeż riżervati;

Rat ir-rikors quddiem din il-Qorti ta' l-imsemmi Carmelo Spiteri nomine, u anki "in nome proprio", li talab li d-digriet fuq imsemmi tal-31 ta' Marzu 1952 jiġi revokat, u li konsegwentement it-talba ta' l-attriċi għan-nomina ta' sekwestratarju ġudizzjarju tiġi riġettata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-espożitiva u mit-talba kontenuta fl-imsemmi rikors, imressaq mill-attriċi Liberata Spiteri fis-6 ta' Novembru 1951, in-nomina ta' sekwestratarju ġudizzjarju hija intiża biex jieħu taħt idejh karrozzi li qegħdin b'isem l-appellant Carmelo Spiteri, kif ukoll bini u flus li qegħdin ukoll għand l-istess Carmelo Spiteri, li qie-

għed, skond ma tgħid l-attriċi, jippretendi li huma tiegħu, u għalhekk qiegħed jippossjedihom "animo domini";

*Ikkunsidrat*;

Illi n-nomina ta' sekwestratarju ġudizzjarju hija regolata mill-art. 854 u segwenti tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Mill-aħħar paragrafu ta' *l-imsemmi* art. 854 u mill-art. ta' wara (855) jidher li s-sekwestru jsir fuq l-oġġetti jew immobili li dwarhom ikun hemm il-kawża. Issa huwa naturali li l-kontestazzjoni għall-fini ta' din *il*-kawża jrid ikollha bħala *leġittimu kontradittur* lil dik il-persuna li tkun tippossjedi dak l-oġġett jew dak l-immobili, u li tkun tippretendi li hija s-sid tagħhom. Jekk din il-persuna ma tkunx parti fil-kawża ma *jistax jiġi* ordnat is-sekwestru ġudizzjarju fuq beni minnha posseduti u li tippretendi li huma tagħha. Fil-każ in eżami l-istess attriċi tammetti li *l-karrozzi*, il-bini u l-flus, li *dwarhom talbet* in-nomina ta' sekwestratarju ġudizzjarju, huma fil-poter ta' l-appellant Carmelo Spiteri li jsostni li huma tiegħu. Kontra l-istess Carmelo Spiteri f'ismu proprju *ma hemm ebda* kawża dwar l-imsemmijin karrozzi, bini u flus, u għalhekk fuqhom ma setax jiġi ordnat is-sekwestru ġudizzjarju kif għamlet l-Ewwel *Qorti* bid-digriet impunjat *tal-31 ta'* Marzu 1952. Il-fatt li Carmelo Spiteri huwa parti f'din il-kawża biex jirrappreżenta l-wirt battal ta' Giuseppe Spiteri ma jista' jkollu ebda importanza, billi l-kontestazzjoni *kellha tkun kontra* tiegħu f'ismu proprju, għaliex f'ismu proprju huwa qiegħed jippossjedi, u proċeduralment mhux parti fil-kawża;

*Għaldaqshekk*;

Tilqa' l-appell, billi tirrevoka d-digriet appellat mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina *fil-31 ta' Marzu 1952*; bl-ispejjeż ta' l-inċident, tant ta' l-ewwel kemm ta' din l-istanza, kontra l-attriċi Liberata Spiteri.